PLURIBUS PARENS

01 ta’ Frar 2016

# Rapport Amministrattiv

## Minn Jannar sa Diċembru 2015

## U

# Pjan ta’ Attività

## għas-sena 2016

Bħalma ġie rrapurtat is-sena l-oħra, il-Kunsill huwa kompost mis-Sindku s-Sur John-Mary Calleja, l-Viċi Sindku s-Sur Romeo Baldacchino u l-Kunsillieri s-Sur Mark Anthony Sammut, is-Sna Demelsa Grech u s-Sur Stefan Caruana.

Il-Kunsill jibqa’ jiffunzjona billi kull Kunsillier jaħdem fid-dekasteru tiegħu/tagħha flimkien ma’ kunsillieri oħra sabiex b’hekk il-Kunsill iwettaq il-missjoni u l-għanjiet li għalihom ġie mwaqqaf. Il-Kunsill irid ikun ta’ siewi u ġid, billi joffri solidarjetà u wens lir-residenti kollha tal-Gudja. Il-Kunsill huwa wkoll konxju li d-deċiżjonijiet ikunu meħuda qrib ir-residenti u mhux b’mod arbitrarju. Il-Kunsill b’mod ġenerali juri li l-bniedem huwa ċ-ċentru ta’ kull funzjoni u attività fdata f’idejn il-Kunsill. Dan isir b’mod formali kif ukoll b’mod informali, kemm b’mod personali kif ukoll b’mod ħolistiku bil-għan li jinkiseb il-ġid u ħajja aħjar għar-residenti tal-Gudja.

F’isem il-Kunsill Lokali tal-Gudja ngħidu grazzi lir-residenti kollha kif ukoll lill-għaqdiet u l-voluntiera f’kull qasam tal-ħidma u koperazzjoni tagħhom mal-Kunsill.

Il-ħidma ta’ kull Kunsillier hija kollha valida u apprezzata għaliex din hija mmirata li kull resident tal-Gudja sabiex ikun jista’ jgħix aħjar.

Il-Kunsill jaħdem bla waqfien sabiex inkunu qrib tan-nies tal-Gudja u nisimgħu b'dak li qed idejjaqhom kemm fuq livell personali kif ukoll fuq livell kollettiv bħala komunità. Il-Kunsill jagħmel dak kollu possibli sabiex il-ħajja tan-nies tal-Gudja tkompli tmur għall-aħjar billi jaħdem f'sistema bl-anqas burokrazija, trasparenti u jassisti lir-residenti kemm individwalment kif ukoll b'mod ġenerali f'diversi oqsma u joffri l-aħjar servizz li jwieġeb għal ħafna mill-ħtiġijiet tar-residenti. Fejn ikun hemm bżonn il-Kunsill jitlob l-għajnuna tal-awtoritajiet u dipartimenti kompetenti kif ukoll tad-diversi Ministeri tal-Gvern Ċentrali.

Kemm dokumenti li għandu l-Kunsill kif ukoll il-laqgħat li saru mal-awtoritajiet juru li l-Kunsill huwa dinamiku u ma jżommx lura li juri l-ħitiġijiet u x-xewqat tar-residenti kollha tal-Gudja.

Il-Kunsill għamel xogħol ta' toroq fi Triq Ħal Safi u Triq Birżebbuġa u fl-inħawi tal-madwar. Il-Kunsill għamel ukoll xogħol ta' manutenzjoni f'diversi toroq madwar il-Gudja.

Barra milli jaħdem dwar toroq u bankini kemm urbani kif ukoll rurali, hemm ukoll il-qasam tal-ambjent li huwa l-qofol tal-ħidma tal-Kunsill. Il-Kunsill ħadem f'diversi oqsma, fosthom; kultura, arti, mużika, sports, żgħażagħ, edukazzjoni u ħajja soċjali.

Dwar il-kultura l-Kunsill ħadem fil-programm tal-"Erba' Staġuni". Il-Kunsill tella' attivitajiet sportivi, u edukazzjoni fiżika. Żgħażagħ Gudjani ħadu sehem fil-programmi Youth in Action iffinanzjati minn fondi Ewropej.

Il-Kunsill ħadem sabiex trejqiet qalb l-għelieqi fil-madwar tal-Gudja jkunu aktar aċċessibbli għall-bdiewa li jaħdmu r-raba' tagħhom f'dawn l-inħawi u qed ukoll jimbarka fuq programm ta' xogħol li jgħin l-aċċessibilità ta' trejqiet fil-kampanja u l-għelieqi ta' madwar il-Gudja kif ukoll li dawn it-trejqiet ikunu t'attrazzjoni bħala *heritage trail* li jgħinu fil-pakkett turistiku dwar il-Gudja. F'dan ir-rigward għad fadal ħafna xogħol xi jsir u l-Kunsill qed ifittex l-għajnuna ta' Ministeri u tal-awtoritajiet konċernati.

Il-Kunsill kompla jaħdem sabiex ġewwa l-Gudja jkun hemm dawl kull fejn ikun meħtieġ. Il-Kunsill issa wkoll jinsab impenjat dwar l-użu tal-ilma kif ukoll dwar il-ġibjuni ġewwa u madwar il-Gudja. Il-proġett tal-bandli u attrezzaturi oħra fi Ġnien Raymond Caruana issa tlesta, u dan ħoloq post aktar sigur u bla perikli għat-tfal u ambjent aħjar b'mod ġenerali. Issa

l-Kunsill jinsab impenjat sabiex flimkien mal-Ministeru tal-Infrastruttura u Xogħlijiet jagħmel ir-riġenerazzjoni xierqa ta' Ġnien Raymond Caruana.

Il-Kunsill kompla jagħmel dak kollu possibbli sabiex jieħu ħsieb l-ambjent kemm ġewwa l-Gudja kif ukoll fl-inħawi ta' madwar il-Gudja. Dan jgħin sabiex il-Gudja tkompli tkun apprezzata aktar kemm mir-residenti kif ukoll minn dawk li jżuruha kemm matul il-jum kif ukoll filgħaxija, u fl-istaġuni kollha.

Matul din is-sena l-ħidma tal-Kunsill mill-aspett tal-*Life Long Learning* ma setax ikompli kif maħsub peress li l-Kunsill ma setax jagħmel użu liberu mill-kamra attrezzata għat-tagħlim u taħriġ matul il-ħajja. Il-Kunsill kompla jaħdem sabiex filwaqt li jintwera apprezzament lejn il-ħidma tal-iskola, u d-dmirijiet tal-Kunsill, ikun hemm dik il-ħidma konġunta u l-armonija li minnha jibbenefikaw ir-residenti kollha tal-Gudja. Il-Kunsill kompla jaħdem mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jinkiseb l-ispazju u jinvesti fl-Iskola Primarja kif ikun meħtieġ.

Minkejja d-diffikultajiet li jiffaċċjal-Kunsill, il-korsijiet dwar it-tagħlim ta' matul il-ħajja, komplew sewwa f'diversi korsijiet. Il-Kunsill kompla bil-finanzjament tal-programm 'Story Telling' li huwa ferm popolari qalb il-Gudjani.

Il-Kunsill kompla bil-finanzjament u operat tal-Librerija u jiddedika parti mill-baġit tiegħu għal dan il-għan.

Il-Kunsill għadu jagħmel talbiet għall-immaniġġjar tat-traffiku f'ċerti żoni u *pedestrian crossing* f'diversi postijiet. Kien hemm progress, iżda l-Kunsill iħoss li għad fadal fejn isir xogħol ma' Trasport Malta sabiex il-ħajja tar-residenti kif ukoll tas-sewwieqa, tkun aktar sigura speċjalment meta wieħed jikkonsidra l-proġett propost tal-estenzjoni tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fil-Gudja. Nagħrfu li t-*traffic lights* ta' Vjal l-Avjazzjoni kif proposti ġew installati iżda għad fadal ħafna xi jsir. Il-Kunsill sejjer ikompli b'kuntatt dirett mal-ogħla uffiċjali tat-TM u mad-diriġenti tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta sabiex iħares l-interess tal-Gudja u l-Gudjani sabiex dak meħtieġ isir u dan isir bla dewmien.

Saret ħidma kbira mill-Kunsill sabiex il-Gudjani jkollhom transport pubbliku li jlaħħaq mal-bżonnijiet tagħhom.  Issa reġgħet ġiet ir-rotta 88 kif ukoll il-Gudja reġgħet għandha l-bus terminus fi ħdanha.

Il-Kunsill iżomm djalogu kontinwu mal-Parroċċa u l-NGO's kollha tal-Gudja. Dan joffri ħafna opportunitajiet li jistgħu jgawdu minnhom in-nies kollha tal-Gudja. F'dan ir-rigward il-Kunsill jara kif bil-koperazzjoni u l-ħdima konġunta mal-NGO's (inkluż il-baned lokali) jinkiseb il-ġid massimu fl-aħjar interess għall-Gudjani kollha kemm tfal, żgħażagħ, adulti u anzjani.

Dwar iż-żgħażagħ il-Kunsill Lokali tal-Gudja ħatar ukoll ambaxxatriċi dwar il-Vot16 u din hija s-Sna Sara Camilleri. Il-Kunsill jixtieq li aktar żgħażagħ jersqu aktar lejn il-Kunsill kif ukoll li fil-Gudja jkun hemm Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

L-anzjani wkoll għandhom post importanti fil-ħidma tal-Kunsill. Il-Kunsill jixtieq jappella lil dawk l-anzjani u oħrajn li jixtiequ jingħaqqdu fil-ħidma mal-Kunsill sabiex jagħtu jsimhom u dettalji meħtieġa dwarhom sabiex il-Kunsill jaħdem skont kif ikun mitlub. Il-Kunsill jixtieq li jtenni t-talba tiegħu sabiex jiġi stabbilit Day Centre, fejn l-anzjani li jattendu ġewwa fih jingħataw tagħlim dwar saħħa, iġene, storja, kultura u affarijiet oħra utili sabiex tiġi mħarsa s-saħħa fiżika kif ukoll mentali tal-anzjani tal-Gudja. Jidher li hemm bżonn ta' aktar ħidma kollettiva u pubbliċità nazzjonali f'dan il-qasam.

Il-Kunsill kompla jsostni u jġedded ftehim mad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u b'hekk ir-residenti tal-Gudja jsibu l-għajnuna mingħajr diffikultà bl-aktar mod effiċjenti u professjonali.

In-nies tal-Gudja żgur jafu l-involviment tal-Kunsill fiċ-ċelebrazzjonijiet li jagħmel dwar Jum il-Gudja u l-festi tal-Milied. F'dawn l-attivitajiet il-Kunsill, għalkemm b'fondi limitati, joħroġ wieħed mill-aħjar Kunsilli Lokali li jagħtu l-aħjar sostenn u divertiment kemm edukattiv kif ukoll ta' rikreazzjoni u kultura lir-residenti tal-Gudja u għal kull min jattendi għal dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll sabiex l-għaqdiet u s-soċjetajiet ikunu huma stess li jtellgħu attivitajiet bil-kollaborazzjoni mal-Kunsill. Jidher li hemm bżonn ta' aktar ħidma kollettiva u pubbliċità nazzjonali f'dan il-qasam.

Dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-indafa pubblika, il-Kunsill jinsab minn ta' quddiem nett f'dan il-qasam. Il-Kunsill kompla jonfoq bil-galbu u jassigura sabiex fil-Gudja u fl-inħawi tal-madwar ikun hawn indafa massima u jeduka lin-nies li l-iskart iffisser flus. Il-Kunsill kompla fil-ħidma tiegħu dwar is-separazzjoni tal-iskart mal-kumpanija GreenPak u jidher li r-residenti tal-Gudja qed jikkoperaw sewwa mal-Kunsill f'dan il-qasam. Il-Kunsill huwa konxju li peress li xi Kunsilli tal-madwar neħħew l-iskips tal-iskart domestiku, il-Gudja qed issofri minn depożitu ta' skart ta' barra mill-Gudja u jinħolqu miżbliet żgħar speċjalment madwar kontenituri tas-separazzjoni tal-iskart

Dwar fondi mill-Ewropa sabiex jitwettaq xogħol u proġetti ta' fejda fil-Gudja, il-Kunsill ħa sehem f'*youth exchanges* li fih ibbenefikaw bosta żgħażagħ mill-Gudja li huma xiehda tas-suċċess miksub f'dan il-qasam. Il-Kunsill ukoll qed jaħdem sabiex jipparteċipa għall-fondi tal-GAL Xlokk u issa qabel li jħallas s-somma ta' €2,500.00 u appunta lill-Kunsilliera Sna Grech bħala rappreżentanta tiegħu f'dan il-GAL Xlokk.

Il-Kunsill għandu l-għan li jikseb fondi mill-Ewropa u b'hekk ikun jista' jiffinanzja l-proġetti tiegħu bi flus ewropej ġewwa l-Gudja.

F'din is-sena 2015 il-Kunsill ipparteċipa b'suċċess f'*After School Sports* għat-tfal tal-iskejjel u u kkollabora ma' diversi għaqdiet sportivi sabiex saru diversi attivitajiet ġewwa l-Gudja li fijhom ipparteċipaw kemm individwi kif ukoll għaqdiet. Ir-residenti tal-Gudja żgur apprezzaw il-ħidma tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni sportiva. Il-Gudja kisbet għarfien xieraq mill-Kumitat Olimpiku Malti għall-ħidma tal-Kunsill fil-qasam sportiv. Tul din is-sena, il-Kunsill għadu wkoll għaddej bi ftehim mal-Gudja United FC dwar l-użu tal-grawnd għal skop ta' edukazzjoni fiżika.

Il-Kunsill qed jitlob lill-Awtorità tad-Djar sabiex il-qasam tad-djar (flats) f'Tal-Mitħna jsir xogħol ta' manutenzjoni meħtieġ fil-komun.

Il-Kunsill jitlob lir-residenti sabiex jersqu aktar għand il-Kunsill bil-ħtiġijiet tagħhom u b'xi ideat sabiex il-Kunsill jimbarka fuq proġetti li jkunu r-residenti stess li jkunu l-protagonisti u benefiċjarji ta' dawn l-istess proġetti.

Il-Kunsill jixtieq isemmi li jinsab f'ħidma kontinwa sabiex l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jiġi integrat uffiċjalment fil-konfini tal-Gudja kif huwa ġust u xieraq. Il-Kunsill jinsab impenjat li jara li l-iżvilupp propost mill-MIA ma joħloqx problemi għall-Gudja u r-residenti. Fejn hemm ir-riskju li jsir dan, il-Kunsill jitlob korrezzjoni u rimedju. Il-Kunsill jagħmel ukoll ħidma sabiex ikollu l-aħjar relazzjonijiet mad-diriġenti tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li jinsab fil-Gudja sabiex b'hekk ikun jista' wkoll jikseb dak kollu possibli għall-ġid u b'risq ir-residenti tal-Gudja. Il-Kunsill irid jassigura li l-iżvilupp ekonomiku ma jkunx ta' detriment għar-residenti tal-Gudja.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill huwa kontinwu u jiġi aġġustat skont il-ħtiġijiet tar-residenti tal-Gudja minn żmien għal żmien u dan ikompli jassigura li l-Kunsill jibqa' għas-servizz tan-nies u mhux in-nies għas-servizz tal-Kunsill.

Il-ħsibijiet tal-baġit għas-sena 2016 jiġu diskussi waqt il-laqgħa annwali għall-pubbliku fl-01 ta' Frar 2016 u dan bil-parteċipazzjoni tal-pubbliku.

John-Mary Calleja
Sindku

Joseph Mary Formosa
f/Segretarju Eżekuttiv